MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Appell Civili Numru. 22/2012

**Sammut Anthony**

**Vs.**

**Direttur tas-Sigurta' Soċjali**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija mill-Arbitru fid-19 ta' Settembru 2012 fejn gie deciz is-segwenti:

*"L-Arbitru,*

*Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali datata 8 ta' Frar 2012.*

*Ra l-ittra ta' l-appell datat 20 ta' Frar 2012.*

*Ra r-risposta tad-Direttur datata 2 ta' Lulju 2012, flimkien mad-dokumenti kollha li gew esebiti.*

***Ikkunsidra:***

*Illi permezz ta' decizjoni moghtija minnu fit-8 ta' Frar 2012, id-Direttur tas-Sigurta' Socjali ddecieda li l-appellant ma kienx jikkwalifika ghal Beneficcju ghal Korriment dwar disgrazzja illi gratlu fl-14 ta' Novembru 2011, stante illi l-imsemmija disgrazzja ma sehhitx la bhala rizultat tax-xoghol tal-appellant u lanqas fil-kors tax-xoghol tieghu.*

*Illi fl-ittra ta' l-appell tieghu l-appellant jispjega illi l-incident sehh meta hu kien qieghed izarma saqaf ta' kamra li sussegwentement kien ser jerga' jarma fir-razzett tieghu. L-appellant spjega illi hu jahdem bhala bidwi fuq bazi full time.*

*Illi insostenn tat-tezi tieghu l-appellant pproduca xhud u cjoe lil Joseph German in rapprezentanza tal-Assocjazzjoni tal-Bdiewa li qal illi fl-opinjoni tieghu, il-hatt tas-saqaf ghandu jitqies bhala parti mix-xoghol tal-bidwi, gia la darba dan kien ser jerga jarmah fl-ghalqa tieghu.*

*Illi b'kull rispett, l-arbitru ma jaqbilx ma dan l-argument ghaliex ihoss illi l-hatt ta' saqaf mhux xoghol illi jaqa' fil-kompetenza ta' bidwi, izda semmai f'dik ta' bennej. Wiehed jista' jaccetta l-argument illi l-bidwi jaghmel xoghol iehor apparti illi jiehu hsieb ir-raba, bhal per ezempju xoghol biex izomm ir-raba tieghu fi stat tajjeb, izda fl-opinjoni tal-Arbitru dana ma kienx il-kaz fil-kaz odjern.*

*Illi ghalhekk l-Arbitru huwa tal-fehma illi d-decizjoni tad-Direttur kienet wahda gustifikata.*

*Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata qed tigi konfermata".*

Illi minn din is-sentenza, Anthony Sammut ħassu aggravat u interpona dan l-appell għab-bażi ta' dawn l-aggravji:

Illi l-ewwel aggravju huwa il-fatt li s-sentenza moghtija mill-*Umpire* li kkonfermat d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali hija ingusta u timmerita li tigi rrevokata *in toto* peress li s-sentenza appellata hija bbazata ingustament fuq apprezzament hazin ta' x'jikkonsisti verament xoghol ta' bidwi;

Fit-tieni aggravju minnu imressaq l-appellanti jilmenta mill-fatt illi huwa wegga' fuq il-post tax-xoghol liema korriment ikkonsista f'feriti miftuha, fi qsim tal-ghadam, *f'concussion* u feriti fir-ras, fi '*traumatic shock'* u f'feriti ohra fil-gisem u cioe' fir-ras, fis-spallejn, u fis-saqajn u rkobbtejn skont ir-'*Report of*

*Injury and Application Benefit*' rreddat minn Dr. Marilyn Farrugia MD (Medical Council Number 5288) nhar l-14 ta' Novembru 2011;

Jikkonsegwi it-tielet aggravvju allaccjat mal-ewwel tnejn illi allura li l-korriment ma' giex apprezzat li sehh bhala rizultat tax-xoghol ta'l-appellanti.

R-raba' aggravju huwa marbut mal-apprezzament tal-fatti maghmula mill-Arbitru fejn jinghad illi mhux minnu li r-rikorrent appellanti kien qieghed ihott saqaf kif intqal mill-Arbitru fid-decizjoni tieghu, imma fil-verita' huwa kien qieghed izarma saqaf tal-*fibre* ta' bitha sabiex ikun jista' jarmah fil-bitha ta' l-annimali u illi dan ix-xoghol huwa xoghol li kull bidwi u rahhal jaghmel. Illi s-saqaf li kien qieghed izarma kien tal-*fibre* u mhux tal-konkos u kien qieghed izarmah u mhux ihottu!

Illi l-fatti kif jirriżultaw mill-atti proċesswali huma s-segwenti:

Illi r-rikorrenti huwa bidwi u raħħal 'full-time' u xogħolu huwa li jikkoltiva r-raba' u jrabbi l-annimali. Ir-rikorrenti ltaqa' ma' ħabib tiegħu Jimmy Vassallo li huwa kuntrattur, li kien qed iwaqqa' dar f'tas-Sliema u dan tal-aħħar issuġġerielu jmur fuq il-post sabiex jieħu xi pjanċi. Illi fl-14 ta' Novembru 2011, waqt li l-appellant kien qiegħed f'Tas-Sliema jżarma dan is-saqaf, inqassmet xi waħda minn dawn il-pjanċi u l-appellant baqa' nieżel għoli ta' xi sular. Wara dan l-inċident, fit-3 ta' Frar 2012 l-appellant applika mad-Dipartiment ta' Sigurtà Soċjali għall-benefiċċju għal korriment għaliex ħass li dan l-inċident seħħ waqt li kien qiegħed għaddej b'xogħolu. Jishaq dan ghaliex isostni illi l-ghan wara l-qlugh ta' dana is-saqaf kien sabiex huwa ikun jista' juza l-istess fir-raba tieghu sabiex jaghmel kenn ghall-annimali li irabbi. Ghalhekk din il-bicca tax-xoghol kienet strettament marbuta max-xoghol tieghu bhala bidwi u rahhal.

Illi permezz ta' ittra datata 8 ta' Frar 2012, id-Direttur appellat infurmah li ma kienx intitolat għall-benefiċċju għaliex id-disgrazzja ma seħħitx la bħala riżultat tax-xogħol tiegħu u lanqas fil-kors tax-xogħol tiegħu;

Illi quddiem l-Arbitru l-appellanti ressaq bħala xhud lil Joseph German, rappreżentant tal-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa li qal li t-tifsira ta' bidwi u raħħal tikkomprendi kull xogħol li għandu x'jaqsam mas-sengħa ta' bidwi u ta' raħħal jew anċillarju ma'l-istess sengħa.

Illi l-ligi li tirregola il-beneficcju in ezami tinsab imfissra fl-**<u>Artikolu 28 tal-Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta</u>** (Att dwar is-Sigurta Soċjali) fejn hemm dispost illi sabiex persuna jkollha l-jedd li tingħata l-Benefiċċju għall-Korriment:

(a) il-persuna ma tridx tkun għalqet l-eta’ tal-irtirar;

(b) tkun korriet;

(ċ) f’inċident li jseħħ minħabba **jew** matul l-impieg tagħha jew ħidma li tagħmel għaliha nfisha;
(d) **jew** dik il-persuna jkollha marda minn dawk imsemmijin fir-Raba’ Skeda u li l-persuna tieħu minħabba x-xorta tax-xogħol tagħha;

(e) li minħabba f’dak l-inċident jew minħabba dik il-marda ma tkunx kapaċi tagħmel xogħol fi żmien ta’ tnax-il xahar minn mindu jseħħ dak l-inċident jew minn mindu tfiġġ il-marda;

(f) l-inċident irid ikun seħħ f’Malta, sakemm il-persuna ma tkunx taħdem taħt kuntratt ta’ servizz barra minn Malta fil-waqt li żżomm ir-residenza ordinarja tagħha f’Malta;

(g) Persuna tista’ wkoll tingħata l-Benefiċċju għall-Korriment jekk kemm-il darba ġġarrab marda li, għalkemm m’hijiex waħda minn dawk imsemmija fir-Raba’ Skeda, tkun waħda li, fil-fehma tad-Direttur, tkun żviluppat minħabba x-xogħol li dik il-persuna kienet tagħmel.

Illi minn ezami ta’l-atti probatorji johrog illi il-punt in kontestazzjoni u devolut ghad-decizjoni ta’ din il-Qorti huwa jekk il-korriment ta’l-appellanti jistax jigi ikkunsidrat illi sehh fil-kors tax-xoghol tieghu jew konness ma’l-istess xoghol bhala bidwi u rahhal u cioe’ jekk meta sehh il-korriment huwa kienx qed jaghmel xoghol marbut mal-hidma tieghu bhala *self-employed farmer*. Illi kemm id-Direttur kif ukoll warajh l-Arbitru qabblu illi x-xoghol li kien qed jaghmel l-appellanti ma jaqax fl-ebda wiehed mill-parametri stabbiliti fl-artikolu 28 hawn fuq iccitat. Ir-raguni li jaghti l-Arbitru ghal din ic-cahda huwa illi ix-xoghol ta’ zarmar ta’ saqaf huwa xoghol ta’ bennej u mhux ta’ bidwi. Dana izda mhuwiex il-kwezit li kellu jindaga l-Arbitru u cioe’ x’kienet in-natura tax-xoghol, izda jekk dik il-bicca xoghol li kien qed jezegwixxi l-appellanti kenitx intiza ghalih personali jew inkella kenitx marbuta mal-hidma tieghu kif mehtieg fl-artikolu 28(c) tal-Kapitolu 318.

Illi fil-fatt l-artikolu 28(c) citat jirrikjedi illi l-incident ikun sehh mhux biss matul il-hidma tal-beneficcjarju izda ukoll minhabba f’tali hidma. Minn qari ta’l-artikoli tal-ligi li isegwu u partikolarment is-sub-inciz (3) il-legislatur sahansitra ikkontempla sitwazzjonijiet bhal dik in dizamina fejn id-disgrazzja ma tkunx sehhet fil-post tax-xoghol tal-beneficcjarju tant allura illi dan is-sub-inciz jikkontempla zewg sitwazzjonijiet fejn l-incident ikun sehh jew barra minn

Malta jew fil-vicinanzi tal-post tax-xoghol izda ikun konness ma'l-istess xoghol.

Illi mill-atti rimessi ghal gudizzju ta'l-*Umpire*, ma jirrizultax illi l-appellanti wegga' waqt li kien fuq il-post fejn jezegwixxi il-hidma tieghu ta' kuljum, izda sehh f'post iehor li ma ghandu xejn x'jaqsam mar-raba fejn jahdem u irabbi l-annimali. Madanakollu dan ix-xoghol kien tali li kellu x'jaqsam b'mod dirett mal-hidma tieghu u li ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti jissodisfa dan l-ewwel rekwizit mehtieg fil-ligi ghall-intitolament ta' dan il-beneficcju socjali. Jikkonsegwi ghalhekk illi min ezami tal-ispirtu tal-ligi wiehed ghandu jasal ghal konkluzjoni illi l-element importanti u deciziv fi kwistjonijiet simili huwa jekk l-att tal-persuna assigurata sarx ghall-iskopijiet u dwar l-impieg taghha, dana anke f'cirkostanzi fejn hija tkun qieghdet lilha innifisha f'periklu bla bzonn billi forsi ma kenitx ikkwalifikat biex taghmel dak ix-xoghol li wassal ghal tali disgrazzja. Dana dejjem salv dak ipprovdut fis-sub-inciz 6 ta'l-imsemmija disposizzjoni tal-ligi. Abbazi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Arbitru kien zbaljat fi-definizzjoni moghtija minnu ta' dak dispost fl-artikolu 28(c) ta'l-Att.

Stabbilit dan, madanakollu jifdal biex jigi deciz jekk allura ir-rekwizti l-ohra mehtiega ghall-ghoti tal-Beneficcju tal-Korriment li ma gewx investigati mill-Umpire, humiex sodisfatti.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qieghda tilqa' l-appell interpost, tirrevoka is-sentenza appellata, tirrimanda l-atti quddiem l-Umpire sabiex il-kaz ikompli jigi trattat skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------